



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 203/22

il-Lussemburgu, 15 ta' Diċembru 2022

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawżi magħquda C-615/20 u C-671/20 | YP *et* (Tneħħija tal-immunità ta' mħallf u s-sospensjoni tal-funzjonijiet tiegħu)

L-Avukat Ġenerali Collins: hija biss qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi li tista' tawtorizza l-prosekuzzjoni ta' mħallf

Fit-18 ta' Novembru 2020, l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema (il-Polonja) neħħiet l-immunità tal-Imħallf I.T. mill-prosekuzzjoni, naqqset ir-remunerazzjoni tiegħu u ssospendietu mill-kariga. Minħabba s-sospensjoni tiegħu, l-Imħallf I.T. ma jista' jisma' l-ebda waħda mill-kawżi li kienu ġew assenjati lilu.

Fil-Kawża C-615/20, il-qorti tar-rinviju, li fiha jpoġġi l-Imħallf I.T., tqajjem diversi oġġezzjonijiet dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Awla Dixxiplinari u tiddubita jekk l-awtorizzazzjoni tagħha għall-prosekuzzjoni u għas-sospensjoni mill-kariga ta' mħallf hijiex "deċiżjoni ġudizzjarja". Peress li r-risoluzzjoni tal-Awla Dixxiplinari għandha effett dirett fuq l-istatus tal-qorti tar-rinviju, hija tistaqsi, *inter alia*, jekk ir-regoli nazzjonali li jawtorizzaw il-prosekuzzjoni kriminali ta' mħallfin humiex suġġetti għar-reqwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u jekk, fid-dawl tal-karatteristiċi tagħha, l-Awla Dixxiplinari tistax tagħti tali awtorizzazzjonijiet. Barra minn hekk, hija tistaqsi jekk rifjut mhux iġġustifikat sabiex imħallf, li fir-rigward tiegħu tkun ġiet awtorizzata tali prosekuzzjoni, jitħalla ipoġġi f'qorti jiksirx id-dritt tal-Unjoni.

Fil-Kawża C-671/20, imħallf li lilu l-President tal-Qorti Reġjonali ta' Varsavja assenja mill-ġdid il-kawżi inizjalment mismugħa mill-Imħallf I.T. esprima riżervi simili dwar il-legalità u l-effettività tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Awla Dixxiplinari.

Fil-konklużjonijiet tiegħu mogħtija lillum ¹, l-Avukat Ġenerali Anthony Michael Collins jafferma mill-ġdid li – minkejja l-abolizzjoni tal-Awla Dixxiplinari – id-dubbi leġittimi dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha, diġà identifikati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ², jippersistu. Bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, ir-rabtiet istituzzjonali diretti u indiretti bejn il-Ministru għall-Ġustizzja, il-Prosekutur Pubbliku, il-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja) u l-Awla Dixxiplinari jżidu mar-riskju diġà kunsiderevoli li din tal-aħħar ma tkunx tista' tiġi pperċepita bħala aġġudikatur kompletament newtrali meta tagħti deċiżjoni dwar talbiet għal awtorizzazzjoni għall-prosekuzzjoni ta' mħallfin u għas-sospensjoni tagħhom.

L-Avukat Ġenerali jikkonkludi li l-Artikolu 2 TUE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, **jipprekludu regoli nazzjonali li jagħtu kompetenza sabiex jiġu awtorizzati l-prosekuzzjoni, id-detenzjoni u s-sospensjoni ta' mħallfin lil qorti jew**

¹ Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-lum tal-Avukat Ġenerali Collins dwar kwistjonijiet parzjalment identiċi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata ta' mħallfin) (C-204/21, ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 201/22).

² Sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari għall-imħallfin), C-791/19 (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 130/21); sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18 (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 145/19).

tribunal li ma josservax ir-rekwiżiti ta' indipendenza, ta' imparzjalità jew ta' stabbiliment minn qabel bil-liġi.

Skont l-Avukat Ġenerali Collins, l-obbligu li jiġi vverifikat jekk qorti nazzjonali, kif komposta, tikkostitwixxi qorti stabbilita minn qabel bil-liġi huwa rekwiżit formali essenzjali. Il-konformità ma' dan ir-rekwiżit hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u għandha tiġi vverifikata *ex officio* ³. **Id-dritt tal-Unjoni għalhekk jipprekludi l-Liġi Pollakka emendata dwar l-organizzazzjoni tal-qorti ordinarji li ma tħallix lill-qorti Pollakki kollha milli jeżaminaw kwalunkwe aspekk tal-proċedura li twassal għall-ħatra ta' mħallef.** Għal dak li jirrigwarda l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Polonja li tipprojbixxi kwalunkwe sħarriġ ġudizzjarju dwar il-ħatriet tal-imħallfin, l-Avukat Ġenerali josserva li s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li jeħtieġu li jsir tali sħarriġ jorbtu lill-qorti Pollakki kollha. **Il-qorti tar-rinviju għandha għalhekk tinjora d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jekk hija tqishom inkonsistenti mad-dritt tal-Unjoni u tirrifjuta li tapplika kwalunkwe regola nazzjonali li tobbligaha tikkonforma ruħha ma' dawk id-deċiżjonijiet.**

L-Avukat Ġenerali jevalwa wkoll il-konsegwenzi tal-konstatazzjoni li l-ġoti ta' kompetenza sabiex tiġi awtorizzata l-prosekuzzjoni ta' mħallfin lill-Awla Dixiplinari ma kienx konformi mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fehma tiegħu, wara l-abolizzjoni tal-Awla Dixiplinari, **il-Polonja għandha tiżgura li l-kompetenza tal-Awla Dixiplinari tiġi eżerċitata minn qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi. Il-Polonja għandha wkoll, mingħajr dewmien, tħassar l-effetti tar-riżoluzzjonijiet li dik l-Awla adottat.**

L-Avukat Ġenerali Collins iqis li l-korpi kollha tal-Istat, inkluża l-qorti tar-rinviju, huma obbligati li jannullaw il-konsegwenzi illegali tar-riżoluzzjonijiet tal-Awla Dixiplinari li jawtorizzaw il-prosekuzzjoni u s-sospensjoni ta' mħallfin. Konsegwentement, huma għandhom jinjoraw ir-riżoluzzjoni tal-Awla Dixiplinari **u jippermettu lill-Imħallef I.T. ipoġġi fil-kulleġġ ġudikanti tal-qorti tar-rinviju.** Madankollu, jekk waħda mill-kawżi inizjalment attribwita lill-Imħallef I.T. tkun ġie assenjata mill-ġdid lil kulleġġ ġudikanti ieħor li huwa stess jikkostitwixxi qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi, dawk il-proċeduri jistgħu jibqgħu quddiem il-kulleġġ ġudikanti l-ġdid. Il-konklużjoni opposta ma tiħux inkunsiderazzjoni d-drittijiet tal-partijiet fil-kawża għal ċertezza legali u għal proċess fi żmien raġonevoli.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkun ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit (+ 352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!



³ Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson vs Il-Kunsill u HG vs Il-Kummissjoni, Kawża magħquda [C-542/18 RX-II](#) u [C-543/18 RX-II](#), punti 55, 57.